MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 6.10.2008
COM(2008) 616 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U L-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

# Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali
## Nibdlu d-diversità territorjali f'vantaġġi

**{SEC(2008) 2550}**

MT MT

# WERREJ

1. Il-koeżjoni ekonomika u soċjali minn perspettiva territorjali ..................................... 3

2. Lejn żvilupp iktar ibbilanċjat u armonjuż ..................................................................... 5

2.1. Konċentrazzjoni: negħlbu d-differenzi fid-densità ....................................................... 5

2.2. Konnessjoni tat-territorji: negħlbu d-distanza.............................................................. 6

2.3. Kooperazzjoni: negħlbu d-diviżjoni............................................................................... 7

2.4. Reġjuni b'karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi ................................................................. 8

3. Il-koeżjoni territorjali fid-dibattitu u l-prattika fil-livell komunitarju u dak nazzjonali ................................................................................................................................ 9

3.1. Il-koeżjoni territorjali fl-ipprogrammar tal-politiki tal-UE... .................................... 10

3.2. ...u fid-dibattitu fl-Istati Membri u bejniethom ......................................................... 11

4. Mistoqsijiet għad-dibattitu ........................................................................................... 11

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U L-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali
## Nibdlu d-diversità territorjali f'vantaġġi

### 1. IL-KOEŻJONI EKONOMIKA U SOĊJALI MINN PERSPETTIVA TERRITORJALI

Mit-tundra ffriżati fiċ-Ċirku Artiku għall-foresti tropikali tal-Gujana, mill-Alpi għall-gżejjer Griegi, mill-bliet globali ta' Londra u Pariġi għal bliet u rħula żgħar li ilhom mijiet ta' snin, l-UE għandha diversità territorjali inkredibbilment rikka.

Il-koeżjoni territorjali tikkonsisti fl-iżgurar tal-iżvilupp armonjuż ta' dawn il-postijiet kollha u l-iżgurar li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ kemm jista' jkun mill-karatteristiċi inerenti ta' dawn it-territorji. Għalhekk, hija mezz ta' kif id-diversità tista' tinbidel f'vantaġġ li jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp sostenibbli tal-UE kollha.

Kwistjonijiet bħall-politika ta' koordinament f'żoni kbar bħar-reġjun tal-Baħar Baltiku, it-titjib tal-kundizzjonijiet mal-fruntiera esterna tal-Lvant, il-promozzjoni ta' bliet globalment kompetittivi u sostenibbli, il-ġlieda kontra l-emarġinazzjoni soċjali f'inħawi ta' reġjun ikbar u f'lokalitajiet urbani żvantaġġati, it-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura medika u l-enerġija f'reġjuni remoti u d-diffikultajiet ta' xi reġjuni b'karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi, huma lkoll marbuta mal-għan tal-koeżjoni territorjali.

Illum iktar minn qatt qabel, il-kompetittività u l-prosperità jiddependu mill-kapaċità tan-nies u n-negozji tal-post li jagħmlu l-aħjar użu mill-assi territorjali kollha. Madankollu, f'ekonomija dinjija dejjem iktar globalizzata u interrelatata, il-kompetittività tiddependi wkoll mill-ħolqien ta' rabtiet ma' territorji oħra biex l-assi komuni jintużaw b'mod ikkoordinat u sostenibbli. Il-kooperazzjoni, flimkien mal-flussi tat-teknoloġija u l-ideat, u tal-prodotti, is-servizzi u l-kapital, qed issir dejjem aktar aspett vitali tal-żvilupp territorjali u fattur ewlieni li jirfed it-tkabbir ekonomiku fit-tul u sostenibbli tal-UE bħala unità sħiħa.

Il-politika pubblika tista' tgħin lit-territorji jagħmlu l-aħjar użu mill-assi tagħhom. Barra minn hekk, tista' tgħinhom iwieġbu b'mod konġunt għall-isfidi komuni, tista' tgħinhom jilħqu massa kritika u jiksbu dħul finanzjarju ikbar billi jinġabru flimkien l-attivitajiet tagħhom, jiġu sfruttati l-komplementaritajiet u s-sinerġiji bejniethom, u jingħelbu d-diviżjonijiet li jirriżultaw minn ostakli amministrattivi.

Ħafna mill-problemi li jiffaċċjaw it-territorji jifirxu fuq bosta setturi u s-soluzzjonijiet effettivi jirrikjedu approċċ integrat u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-partijiet interessati varji involuti. F'dan ir-rigward, il-kunċett tal-koeżjoni territorjali jorbot flimkien l-effettività ekonomika, il-koeżjoni soċjali u l-bilanċ ekoloġiku, billi jpoġġi l-iżvilupp sostenibbli fil-qalba tat-tfassil politiku.

L-għarfien tal-importanza tad-dimensjoni territorjali mhuwiex ġdid. Jinsab fil-qalba tal-politiki strutturali tal-UE[1] u ilu hemmhekk mill-bidu tagħha. Bosta politiki settorjali għandhom impatt territorjali speċifiku wkoll u xi wħud għandhom elementi[2] li jindirizzaw problemi territorjali speċifiċi.

Safejn għandhom x'jaqsmu l-politiki strutturali, l-eliġibilità għall-appoġġ finanzjarju tiġi determinata prinċipalment fil-livell reġjonali, u hemm għarfien dejjem ikbar tal-ħtieġa li l-istrateġiji tal-iżvilupp jitfasslu madwar il-qafas tal-assi partikolari tat-territorji, il-kapital fiżiku, uman u soċjali tagħhom u r-riżorsi naturali tagħhom. Barra minn hekk, matul is-snin il-politiki strutturali tal-UE dejjem sostnew approċċ multisettorjali u integrat għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-UE.

L-importanza tal-koeżjoni territorjali ġiet enfasizzata fil-Linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità dwar il-Koeżjoni adottati mill-Kunsill fl-2006, li jgħidu li, "il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali għandha tkun parti mill-isforz biex it-territorju sħiħ tal-Ewropa jkollu l-opportunità li jikkontribwixxi lejn l-aġenda tat-tkabbir u l-impjiegi"[3]. Bl-istess mod, il-Linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità dwar l-Iżvilupp Rurali[4] jenfasizzaw il-kontribut li l-programmi ta' żvilupp rurali tal-UE jistgħu jagħmlu fit-triq lejn il-koeżjoni territorjali. Fl-istess ħin, qed jikber l-għarfien tal-ħtieġa li jiġu promossi l-kooperazzjoni, id-djalogu u s-sħubija bejn il-livelli differenti ta' gvern u bejn dawn u l-organizzazzjonijiet u n-nies li fil-prattika huma involuti direttament fil-proċess tal-iżvilupp.

Madankollu, il-ħafna kwistjonijiet li tqajjem il-koeżjoni territorjali jeħtieġ li jiġu kjarfikati. Fehim komuni ta' dawn il-kwistjonijiet jista' jgħin biex il-politika ta' koeżjoni titmexxa aħjar, issir iktar flessibbli, iktar kapaċi tadatta ruħha għall-aħjar skala territorjali xierqa, issir aktar risponsiva għall-preferenzi u l-ħtiġijiet lokali u ssir aktar ikkoordinata ma' politiki oħra, u fil-livelli kollha tkun f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Wara l-konklużjonijiet tal-laqgħa informali tal-ministri tal-UE responsabbli għall-ippjanar spazjali u reġjonali f'Leipzig fl-24-25 ta' Mejju 2007 li stiednu lill-Kummissjoni "tħejji rapport dwar il-koeżjoni territorjali sal-2008"[5], din il-Green Paper qed tniedi dibatittu dwar il-koeżjoni territorjali bil-għan li twessa' l-fehim ta' dan il-kunċett u tal-implikazzjonijiet tiegħu għall-politika u l-kooperazzjoni. Dan id-dibattittu se jseħħ mingħajr preġudizzju għar-riżultat tar-riflessjoni parallela li qed issir bħalissa mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni baġitarja. Il-Green Paper ma tkoprix aspetti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni fil-qafas finanzjarju attwali.

---

1 It-terminu "politiki strutturali tal-UE" tirreferi primarjament għall-intervenzjonijiet politiċi tal-Fond Reġjonali Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF), il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond tal-Iżvilupp Rurali u l-Fond tas-Sajd.

2 Pereżempju, l-iskemi speċifiċi għar-reġjuni l-iktar imbiegħda u xi gżejjer Griegi żgħar.

3 Ġurnal Uffiċjali L 291, 21.10.2006, p. 29.

4 Ġurnal Uffiċjali L 55, 25.02.2006, p. 26.

5 http://www.bmvbs.de/Anlage/original_1005349/Conclusions-of-the-German-EU-Council-Presidency-accessible.pdf

## 2. LEJN ŻVILUPP IKTAR IBBILANĊJAT U ARMONJUŻ[6]

Il-mod kif inhu mqassam it-territorju tal-UE huwa uniku. Hemm madwar 5 000 belt żgħira[7] u kważi 1 000 belt kbira[8] mifruxin madwar l-Ewropa u li jaġixxu bħala punti fokali għall-attività ekonomika, soċjali u kulturali.

Din ix-xibka urbana relattivament densa fiha ftit bliet kbar ħafna. Fl-UE, 7 % biss tan-nies jgħixu fi bliet ta' iktar minn 5 miljun ruħ meta mqabbel mal-25 % fl-Istati Uniti, u 5 bliet biss tal-UE huma fost l-akbar 100 fid-dinja[9].

Dan il-mod ta' tqassim jikkontribwixxi għall-kwalità tal-ħajja fl-UE, kemm għal min jgħix fil-bliet għax jinsab qrib iż-żoni rurali u kemm għar-residenti rurali li jinsabu qrib is-servizzi. Dan il-mod huwa iktar effiċjenti wkoll f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi għaliex jevita d-diżekonomiji ta' agglomerazzjonijiet kbar ħafna[10] u l-livelli għoljin fl-użu tal-enerġija u tal-art, fatt tipiku tal-espansjoni urbana[11], u dawn se jsiru dejjem aktar relevanti fid-dawl tal-iżviluppi fil-klima u l-azzjonijiet biex nadattaw għaliha u niġġilduha.

Ix-xejra tal-attività ekonomika, madankollu, hija saħansitra ħafna inqas uniformi mit-tqassim tal-lokalitajiet (il-mappa 1) Il-konċentrazzjoni tal-attività tagħti benefiċċji ekonomiċi, iżda twassal ukoll għal spejjeż minħabba l-konġestjoni, prezzijiet tal-proprjetà għoljin, emarġinazzjoni soċjali u tniġġis. L-attività ekonomika saret mifruxa b'mod ħafna iktar uniformi madwar l-UE fl-aħħar għaxar snin minħabba t-tkabbir ekonomiku għoli fl-Irlanda, Spanja u l-Istati Membri l-ġodda (il-mappa 2). Saret ukoll mifruxa b'mod aktar uniformi ġewwa xi pajjiżi bħal, għal darb'oħra, l-Irlanda u Spanja, iżda għad hemm żoni urbani b'konġestjoni qawwija u żoni oħra b'potenzjal mhux utilizzat.

Żvilupp iktar ibbilanċjat u sostenibbli, xi ħaġa impliċita fil-kunċett tal-koeżjoni territorjali, iwassal għal użu iktar uniformi u sostenibbli tal-assi u jagħti benefiċċji ekonomiċi mit-tnaqqis fil-konġestjoni u fil-pressjoni fuq l-ispejjeż, b'benefiċċji kemm għall-ambjent kif ukoll il-kwalità tal-ħajja.

Fir-Rapport tiegħu tal-2009 dwar l-Iżvilupp Dinji, il-Bank Dinji għaraf kif id-densità, id-distanza u d-diviżjoni jistgħu jaffettwaw il-pass tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali. L-UE taffaċċja *mutatis mutandis*, kwistjonijiet simili. Ir-risponsi politiċi għalihom jistgħu jinstabu f'azzjonijiet fi tliet pjani: konċentrazzjoni, konnessjoni u kooperazzjoni, kif jidher hawn taħt.

Barra minn hekk, ċerti reġjuni għandhom karatteristiċi ġeografiċi li joffru sfidi partikolari fir-rigward tal-koeżjoni territorjali. Dawn se jiġu indirizzati separatament fl-aħħar taqsima ta' din il-parti.

### *2.1. Konċentrazzjoni: negħlbu d-differenzi fid-densità*

Kif imsemmi hawn fuq, l-attività ekonomika hija ħafna iktar ikkonċentrata madwar l-UE milli l-popolazzjoni. Hemm benefiċċji minn din il-konċentrazzjoni f'termini tad-

6 Ara SEC(2008) 2550 għal spjegazzjoni tat-tipoloġiji territorjali użati f'din it-taqsima.
7 B'popolazzjoni bejn il-5 000 u l-50 000 ruħ.
8 B'popolazzjoni 'l fuq minn 50 000.
9 www.citypopulation.de.
10 Ara OECD, 2007, Competitive Cities in the Global Economy.
11 Ara Peter Newman u Jeffrey Kenworthy, 1999, *Sustainability and Cities.* Island Press.

dħul finanzjarju ikbar mill-agglomerazzjoni u mir-raggruppament ta' attivitajiet partikolari f'postijiet speċifiċi, inkluż id-disponibbiltà wiesgħa tas-servizzi għall-kura medika u l-aċċess relattivament faċli għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u faċilitajiet tat-taħriġ. Dan huwa rifless fil-livelli għoljin tal-PGD *per capita*, il-produttività, l-impjiegi u r-riċerka u l-innovazzjoni meta mqabbel mal-medja nazzjonali fil-bliet kapitali u fil-biċċa l-kbira tal-konurbazzjonjiet l-oħra b'popolazzjonijiet densi.

Fl-istess ħin, hemm ukoll diżekonomiji mill-konġestjoni u għadd ta' żoni fil-bliet qed jiffaċċjaw problemi akuti ta' degradazzjoni urbana u emarġinazzjoni soċjali. Dan huwa rifless f'livelli taħt il-medja ta' PGD *per capita* u livelli għoljin ta' qgħad iżda wkoll f'żoni ta' faqar, kriminalità, u tensjoni soċjali f'ħafna mill-bliet l-aktar sinjuri. Hawnhekk, wieħed għandu jiffoka fuq it-tnaqqis tal-esternalitajiet negattivi tal-agglomerazzjoni u jiżgura li l-gruppi kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ekonomiija speċjalizzata u produttiva ħafna.

Reġjuni intermedji, li għandhom ħafna bliet relattivament żgħar, jistgħu jibbenefikaw minn dħul finanzjarju ikbar jekk joħolqu xibka qawwija ta' bliet u jiżviluppaw il-vantaġġi tagħhom b'mod ikkoordinat. Il-bliet f'reġjuni intermedji u rurali jipprovdu wkoll servizzi essenzjali għaż-żoni rurali fil-viċinat.

Tabilħaqq, f'żoni rurali iktar imbiegħda minn bliet ta' kull daqs, bliet żgħar u medji, għandhom rwol ħafna aktar importanti milli forsi jagħti x'jifhem daqshom. Ir-rwol ta' dawn il-bliet fl-għoti ta' aċċess għas-servizzi, fosthom l-infrastruttura meħtieġa għal investiment fl-adattabilità tan-nies u l-intrapriżi, huwa essenzjali biex ma jkunx hemm depopolazzjoni rurali u biex dawn iż-żoni jibqgħu postijiet attraenti fejn wieħed jgħix.

Minkejja li l-biċċa l-kbira ta' l-attività ekonomija hija kkonċentrata fil-bliet, iż-żoni rurali għadhom parti essenzjali mill-UE. Hemmhekk issib il-biċċa l-kbira tar-riżorsi naturali u ż-żoni naturali (lagi, foresti, siti tan-Natura 2000, eċċ.) (il-mappa 6), għandhom kwalità tal-arja tajba (il-mappa 7) u spiss ikunu postijiet attraenti u sikuri biex wieħed iżur jew jgħix fihom.

L-isfida ewlenija hija l-iżvilupp territorjali bbilanċjat u sostenibbli tal-UE kollha kemm hi, it-tisħiħ tal-kompetittività ekonomika tagħha u l-kapaċità għat-tkabbir, filwaqt li tiġi rispettata l-ħtieġa għall-preservazzjoni tal-assi naturali tagħha u l-iżgurar tal-koeżjoni soċjali. Dan jimplika li għandhom jiġu evitati konċentrazzjonijiet eċċessivi ta' tkabbir u li d-dħul finanzjarju akbar tal-agglomerazzjoni jkun hemm aċċess faċli għalih fit-territorji kollha.

### *2.2. Konnessjoni tat-territorji: negħlbu d-distanza*

Il-kunċett tal-konnessjoni tat-territorji llum ma jfissirx biss li jkun hemm konnessjonijiet intermodali tat-trasport tajbin. Teħtieġ ukoll aċċess tajjeb għal servizzi bħall-kura medika, l-edukazzjoni u l-enerġija sostenibbli, l-aċċess *broadband* għall-internet, konnessjonijiet affidabbli għan-netwerks tal-enerġija u rabtiet tajbin bejn iċ-ċentri tan-negozju u r-riċerka. Importanti wkoll li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċjali ta' gruppi żvantaġġati.

L-aċċess għas-sistemi integrati tat-trasport jinvolvi l-bini ta' toroq jew linji tal-ferrovija bejn il-bliet kbar, kanali interni tal-ilma, l-iżvilupp ta' ktajjen intermodali tat-trasport u sistemi avvanzati tal-ġestjoni tat-traffiku.

Fl-Istati Membri l-ġodda m'hemmx konessjonijiet tajbin tat-toroq u s-sewqan bejn il-bliet jieħu ħafna aktar ħin milli fl-UE15 (il-mappa 8). Il-linji tal-ferrovija tajbin qegħdin imferrxin b'mod mhux uniformi, u f'ħafna Stati Membri, il-linji tal-ferrovija ma jifilħux veloċitajiet kbar u spiss ikunu fi stat ħażin.

Il-kwalità mhux uniformi tan-netwerks tat-toroq sekondarji u tat-trasport pubbliku jfisser li wieħed jieħu ħafna ħin biex jasal fl-ajruporti (il-mappa 9), filwaqt li t-trasport bil-baħar, li jista' jtaffi l-pressjoni fit-toroq traffikużi u jnaqqas l-emissjonijiet tad-$CO_2$, għadu mhux żviluppat biżżejjed (il-mappa 10).

L-aċċess affidabbli għall-enerġija huwa daqstant ieħor importanti u s-sitwazzjoni partikolari tan-netwerks iżolati mis-suq tal-UE għal raġunijiet ġeografiċi (reġjuni rurali u remoti, gżejjer) jew storiċi (eż. l-Istati Baltiċi) jeħtieġ tiġi indirizzata iktar biex ikun hemm provvista robusta u effiċjenti. L-enerġija rinnovabbli u miżuri tal-effiċjenza tal-enerġija jistgħu joffru opportunitajiet għad-diversifikazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli.

Fiż-żoni rurali, l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali bħall-kura medika jew l-edukazzjoni ta' spiss ikun problematiku, fejn, pereżempju fir-reġjuni mbiegħda, medja ta' 40 % tan-nies jgħixu iktar minn 30 minuta bil-karozza minn sptar u 43 % jgħixu iktar minn siegħa bogħod bil-karozza minn università (it-tabella 2). Partikolarment fiż-żoni mbiegħda, il-potenzjal tat-teknoloġija tal-informatika li tipprovdi aċċess għall-kura medika u l-edukazzjoni permezz tat-telemediċina u t-tagħlim mill-bogħod, għad irid jiġi żviluppat.

Madankollu, l-aċċess għal internet b'veloċitajiet għoljin, li sar essenzjali għal ħafna nies u negozji, għadu jippreżenta xi diffikultajiet. FL-2007, l-aċċess tad-djar għall-internet *broadband* kien f'medja ta' 15-il punt perċentwali inqas fiż-żoni rurali milli fiż-żoni urbani.

### *2.3. Kooperazzjoni: negħlbu d-diviżjoni*

Il-problemi bil-konnettività u l-konċentrazzjoni jistgħu jiġu indirizzati effettivament biss b'kooperazzjoni qawwija fil-livelli varji. Bl-istess mod, il-problemi ambjentali marbuta mal-bdil fil-klima, l-għargħar, it-telfien tal-bijodiversità, it-tniġġis u l-ivvjaġġar ma jirrispettaw fruntieri ta' ebda tip u jeħtieġu wkoll il-kooperazzjoni. Il-bdil fil-klima aktarx iżid il-frekwenza u l-gravità tan-nixfiet, in-nirien u l-għargħar li jaffettwaw ir-reġjuni kollha u l-pajjiżi f'livelli differenti. Anki problemi li jitqiesu bħala purament lokali, bħat-tniġġis tal-ħamrija, ħafna drabi jkollhom l-oriġini tagħhom fi proċessi transkonfinali ħafna usa'.

Bl-istess mod, l-ivvjaġġar minn fuq fruntieri reġjonali u anki nazzjonali, sikwit jirrikjedi kooperazzjoni amministrattiva biex tipprovdi s-soluzzjonijiet (eż. it-trasport pubbliku) u biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-esternalitajiet negattivi.

It-tkabbir ekonomiku f'ekonomija dinjija globalizzata qed jitmexxa dejjem iktar minn strutturi multipli ta' kooperazzjoni li jinvolvu tipi differenti ta' atturi pubbliċi u privati. Dan hu minnu partikolarment għal politiki tal-innovazzjoni li jeħtiġilhom

jinvolvu kostitwenti ġodda, fosthom partijiet interessati li mhumiex negozjanti. Għalhekk, jeħtieġ li l-politiki ta' tkabbir ekonomiku bbażati fuq il-lokalitajiet, jiġu aġġustati sabiex l-implimentazzjoni ssir b'tali mod li tirrifletti r-realtà l-ġdida.

Biex dawn il-problemi u oħrajn jiġu indirizzati effettivament, jeħtieġ rispons politiku fuq skala ġeografika varjabbli, li f'ċerti każi tkun tinvolvi l-kooperazzjoni bejn awtoritajiet lokali ġirien, f'oħrajn bejn il-pajjiżi u saħansitra f'oħrajn, bejn l-UE u pajjiżi ġirien.

F'għadd ta' Stati Membri, inħalqu korpi metropolitani li jgħaqqdu flimkien bosta awtoritajiet f'livelli differenti biex jindirizzaw kwistjonijiet li jifirxu fuq reġjuni differenti bħall-iżvilupp ekonomiku, it-trasport pubbliku, l-aċċess għall-kura medika u l-faċilitajiet tal-edukazzjoni għolja u t-taħriġ, il-kwalità tal-arja u l-iskart. Xi reġjuni metropolitani ma jaqsmux biss fruntieri lokali u reġjonali iżda wkoll fruntieri nazzjonali, bħal Eurometropole Lille-Kortrijk-Tournai li jinkludi bliet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera.

Reġjuni interni fuq il-fruntiera fil-pajjiżi tal-UE15 ilhom jibbenefikaw għal ħafna snin minn politika ta' koeżjoni biex titjieb il-kooperazzjoni transkonfinali, bħal EUREGIO Rhein-Waal maħluqa mill-awtoritajiet lokali Ġermaniżi u Olandiżi fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera biex jitjiebu, fost affarijiet oħrajn, l-aċċessibilità, il-kwalità u l-effiċjenza tal-kura medika f'dan il-qasam. Dan huwa partikolarment importanti minħabba n-nuqqas ta' regoli ċari dwar l-aċċess għal kura medika transkonfinali[12].

Reġjuni fuq il-fruntiera fl-Istati Membri l-ġodda u dawk fuq kull naħa tad-diviżjoni l-antika tal-Gwerra l-Bierda, dan l-aħħar bdew jaħdmu flimkien. Għad jonqos ħafna xi jsir biex jiġu żviluppati politiki koerenti għall-kooperazzjoni fl-infrastruttura u l-ekonomija (il-mappa 11). Bl-istess mod, ftit li xejn jiġi osservat żvilupp koerenti fl-ispazji marittimi li jaqsam il-fruntieri tal-baħar u l-art.

Ir-reġjuni tal-fruntieri esterni għadhom lura fl-iżvilupp ekonomiku u l-PGD *per capita* (it-tabella 3). Madankollu, fin-Nofsinhar u l-Lvant, l-UE hija mdawra b'reġjuni b'livelli tal-PGD *per capita* saħansitra iktar baxxi, flimkien ma' żidiet ogħla fil-popolazzjoni (il-mappi 12 u 13), u dan joħloq pressjoni ikbar għall-migrazzjoni.

## 2.4. *Reġjuni b'karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi*

Tliet tipi speċifiċi ta' reġjuni f'ċerti każi jaffaċċjaw sfidi partikolari:

– reġjuni muntanjużi li sikwit ikunu reġjuni fuq il-fruntiera u fejn terz mill-popolazzjoni tgħix f'reġjuni rurali;

– reġjuni insulari li ħafna drabi jkunu reġjuni muntanjużi u fejn nofs il-popolazzjoni tgħix f'reġjuni fuq il-fruntiera; sitta mis-seba' reġjuni l-aktar imbiegħda huma gżejjer;

12 Proposta għal Direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura medika transkonfinali COM(2008) 414.

– it-18-il reġjun b'popolazzjoni mhux sfiqa, ir-reġjuni kollha rurali u kważi r-reġjuni fuq il-fruntiera kollha.

Din mhix lista eżawrjenti, u hemm reġjuni oħra b'karatteristiċi speċifiċi li jaffaċċjaw ukoll sfidi komuni, bħaż-żoni kostali, li jinsabu taħt pressjoni mill-iżvilupp kif ukoll f'riskju mit-tisħin globali, u r-reġjuni l-aktar imbiegħda, li jaffaċċjaw għadd ta' sfidi marbuta mal-bdil demografiku u l-fenomeni migratorji, l-aċċessibilità u l-integrazzjoni reġjonali[13].

Madwar 10 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'reġjuni muntanjużi (it-tabella 4). Il-PGD medju *per capita* tagħhom huwa ta' 80 % tal-medja tal-UE, għalkemm jisboq il-medja għal 25 % ta' dawk ikkonċernati. Għall-maġġoranza ta' dawn ir-reġjuni, il-popolazzjoni żdiedet jew baqgħet l-istess bejn l-1995 u l-2004. Ir-reġjuni muntanjużi fihom ħafna żoni naturali u ħafna drabi jkollhom konnessjonijiet tajbin tat-trasport, u għalhekk ikunu destinazzjonijiet popolari għat-turisti. Ħafna jkollhom ukoll servizzi bażiċi tajbin, għalkemm id-disponibbiltà tagħhom tvarja b'mod sinifikanti minn reġjun għall-ieħor. Fl-istess ħin, iħabbtu wiċċhom mal-isfidi marbuta mal-bdil fil-klima, is-serħan fuq għadd limitat ta' attivitajiet ekonomiċi, il-pressjoni marbuta mat-turiżmu u t-telfien tal-bijodiversità.

Xi 3% tal-popolazzjoni tal-UE, 14-il miljun, tgħix f'reġjuni insulari. Minħabba d-diversità tagħhom, wieħed ma tantx jista' jiġġeneralizza. Dawn ir-reġjuni jvarjaw sewwa fid-daqs tal-popolazzjoni u l-PGD *per capita*. It-tkabbir fil-PGD tagħhom ukoll varja, u dan jirrifletti d-differenzi fl-istruttura ekonomika tagħhom fejn xi wħud huma dipendenti kompletament fuq it-turiżmu filwaqt li oħrajn għandhom setturi tas-servizzi diversifikati u b'saħħithom. Il-popolazzjoni żdiedet fil-biċċa l-kbira ta' dawn ir-reġjuni bejn l-1995 u l-2004. Madankollu, ħafna gżejjer għadhom iħabbtu wiċċhom mal-problemi tal-aċċessibilità, ta' swieq żgħar, u tal-ispejjeż għoljin tal-provvista ta' servizzi pubbliċi bażiċi u l-provvista tal-enerġija.

Ftit nies fl-UE jgħixu f'reġjuni b'popolazzjoni mhux sfiqa - 2.6 miljuni b'kollox biss. Il-PGD *per capita* ivarja ħafna - minn taħt sewwa l-medja tal-UE għal iktar sewwa. Filwaqt li l-popolazzjoni f'ħafna minn dawn ir-reġjuni baqgħet stabbli bejn l-1995 u l-2004, tlieta raw tnaqqis ta' 'l fuq minn 5 %. F'dawn ir-reġjuni ssib fatturi koeżistenti bħad-densità baxxa, il-periferalità, u d-dgħufijiet strutturali bħad-dipendenza fuq l-industrija primarja, li flimkien jirrappreżentaw ostaklu kumulattiv sostanzjali għall-iżvilupp.

## 3. Il-koeżjoni territorjali fid-dibattitu u l-prattika fil-livell Komunitarju u dak nazzjonali

Minkejja li hemm xi eċċezzjonijiet, in-natura tar-reġjuni kif tqieset hawn fuq mhijiex, fil-biċċa l-kbira, fattur speċifiku fid-determinazzjoni tal-appoġġ tal-UE. Filwaqt li l-politiki strutturali tal-UE mmiraw reġjuni inqas privileġġati bil-għan li jiżviluppaw l-assi u l-oqsma potenzjali ta' vantaġġ komparattiv tagħhom jew biex jingħelbu l-ostakli possibbli għat-tkabbir imposti mill-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, mhux daqshekk ċar kif il-biċċa l-kbira tal-politiki Komunitarji l-oħra affettwaw il-koeżjoni territorjali.

---

[13] Dawn qed jiġu indirizzati f'Komunikazzjoni separata, li għandha tiġi adottata f'nofs Ottubru 2008.

### *3.1. Il-koeżjoni territorjali fl-ipprogrammar tal-politiki tal-UE...*

Il-koordinazzjoni bejn il-politiki settorjali u territorjali hija importanti biex is-sinerġiji jiġu massimizzati u biex jiġu evitati l-kunflitti li jistgħu jinqalgħu. Dibattitu fuq il-koeżjoni territorjali huwa importanti biex jintefa' dawl fuq il-kwistjonijiet involuti u biex titħeġġeġ l-analiżi tagħhom, mhux biss fl-oqsma politiċi l-aktar ovvji indikati hawn taħt, iżda wkoll b'mod iktar ġenerali.

- Il-politika tat-trasport għandha implikazzjonijiet ovvji għall-koeżjoni territorjali minħabba l-effett tagħha fuq fejn tiġi kkonċentrata l-attività ekonomika u t-tqassim tal-konglomerazzjonijiet. Għandha rwol partikolarment importanti fit-titjib tal-konnessjonijiet ma' reġjuni inqas żviluppati u fihom stess.

- Il-politika tal-enerġija tikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali bl-iżvilupp ta' suq intern tal-gass u l-elettriku kompletament integrat. Barra minn hekk, miżuri għall-effiċjenza tal-enerġija u l-politika tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp sostenibbli madwar l-UE u jistgħu jagħtu soluzzjonijiet fit-tul fir-reġjuni iżolati.

- L-iżgurar tal-konnessjonijiet b'veloċità kbira mal-internet għandu parti sinifikanti wkoll, meta wieħed iqis l-importanza dejjem ikbar tal-kompetittività u l-koeżjoni soċjali.

- L-ewwel pilastru tal-Politika Agrikola Komuni u l-appoġġ li jagħti lill-bdiewa, wkoll għandu impatti territorjali importanti permezz tal-attivitajiet u r-redditi finanzjarji li jsostni fiż-żoni rurali u permezz tal-promozzjoni ta' ġestjoni tajba tal-art.

- L-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi, parti integrali mill-Istrateġija ta' Liżbona, tagħti kontribut importanti lill-iżvilupp tal-kapital uman permezz ta' edukazzjoni aħjar u l-akkwist ta' ħiliet ġodda f'territorji differenti. Barra minn hekk, il-Linji ta' Gwida għall-Impjiegi jinkludu l-koeżjoni territorjali bħala waħda mit-tliet għanijiet globali.

- Il-baċiri marittimi qed ikollhom domandi kunfliġġenti għall-użu tal-baħar. Tfasslu reġimi separati għas-sajd, l-akkwakultura, il-konservazzjoni tal-mammali tal-baħar, it-trasport bil-vapuri, iż-żejt u l-gass u l-minjieri biex jirrisolvu l-kunflitti fis-setturi, iżda bejn settur u ieħor. Fil-livell tal-UE qed tiġi żviluppata politika marittima integrata biex tindirizza dawn il-problemi ta' koordinazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi.

- Il-politika ambjentali għandha ħafna impatti fuq fejn tiġi lokalizzata l-attività ekonomika. Ir-rekwiżiti regolatorji għandhom dimensjoni spazjali u jinfluwenzaw l-ippjanar tal-użu tal-art. Biex l-għanijiet politiċi u l-istandards jinkisbu b'mod effettiv, ir-reġjuni u l-partijiet interessati qed jaħdmu flimkien, pereżempju fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni Komunitarju għall-Bijodiversità u l-ġestjoni konġunta ta' Natura 2000.

- L-aċċess għal riċerka ta' kwalità għolja u l-possibilità tal-parteċipazzjoni fi proġetti transnazzjonali għandhom effett dejjem iżjed importanti fuq l-iżvilupp reġjonali. Id-dimensjoni territorjali tal-politika tar-riċerka hija integrata fl-

istabbiliment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) fejn ir-riċerkaturi jistgħu jiċċaqilqu, jinteraġixxu u jikkooperaw b'mod miftuħ.

– Il-politika tal-kompetizzjoni tista' taffettwa d-distribuzzjoni territorjali tal-attività ekonomika billi tiżgura li l-għajnuna reġjonali tkun ikkonċentrata fl-iktar żoni żvantaġġati u billi taġġusta l-intensità tal-għajnuna permessa skont in-natura u l-iskala tal-problemi.

### *3.2. ...u fid-dibattitu fl-Istati Membri u bejniethom*

Il-koeżjoni territorjali ilha tiġi diskussa fl-UE f'kuntest intergovermentali minn nofs id-disgħinijiet, primarjament mill-Ministri responsabbli għall-ippjanar spazjali. Dan id-dibattitu wassal biex fl-1999 tiġi adottata l-Perspettiva Ewropea għall-Iżvilupp Spazjali (ESDP), li min-naħa tagħha wasslet għal għadd ta' inizjattivi importanti, bħall-ewwel ġenerazzjoni ta' programmi transnazzjonali ta' kooperazzjoni taħt INTERREG u l-ħolqien tan-Netwerk Osservatorju Ewropew għall-Ippjanar Spazjali (ESPON).

Madankollu, sa ftit ilu, dan id-dibattitu ma kienx mexa daqs kemm seta'. Possibbilment, dan kien parzjalment minħabba perċezzjoni fl-Istati Membri li l-kompetenza nazzjonali - jew reġjonali - fi kwistjonijiet dwar l-użu tal-art u l-ippjanar tal-iżvilupp kienet diskutibbli. Għandu jiġi ċċarat li b'ebda mod ma hu maħsub li jitpoġġew dubji fuq il-kompetenzi nazzjonali u reġjonali f'dawn l-oqsma. Dawn il-kwistjonijiet jibqgħu barra mill-ambitu tad-dibattitu mniedi minn din il-Green Paper.

Bl-adozzjoni tal-Aġenda Territorjali f'Leipzig f'Mejju 2007, il-Ministri tal-UE responsabbli għall-ippjanar u l-iżvilupp spazjali enfasizzaw il-ħtieġa li jsiru sforzi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli, ħolqien tax-xogħol, u żvilupp soċjali u ekoloġiku fir-reġjuni kollha tal-UE filwaqt li jinkisbu "kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar u kwalità aħjar tal-ħajja b'opportunitajiet indaqs irrispettivament minn fejn jgħixu n-nies[14]". Għalhekk, l-Aġenda Territorjali, u l-ewwel Programm ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha adottati f'Açores f'Novembru 2007, taw impetu ġdid lid-dibattitu billi identifikaw sitt prijoritajiet territorjali (li jvarjaw minn raggruppamenti reġjonali tal-innovazzjoni għal strutturi ekoloġiċi u riżorsi kulturali, minn żvilupp poliċentriku għal għamliet ġodda ta' sħubiji u governanza territorjali) u l-azzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

Bħala korollarju, fl-2007 l-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex iwieġbu għal stħarriġ dwar il-konċepiment u l-implimentazzjoni tal-koeżjoni territorjali fil-prassi nazzjonali (ara l-Anness).

## 4. MISTOQSIJIET GĦAD-DIBATTITU

Il-mistoqsijiet imniżżla hawn taħt ikopru l-kwistjonijiet ewlenin deskritti fil-Green Paper u jiddefinixxu l-ambitu tad-dibattitu li biħsiebha tqajjem. Il-Kummissjoni se tagħti sinteżi tad-dibattitu lejn tmiem ir-rebbiegħa 2009.

### *1. Id-definizzjoni*

14 Aġenda Territorjali tal-Unjoni Ewropea, Leipzig 24-25 ta' Mejju 2007.

*Il-koeżjoni territorjali titfa' d-dawl fuq kwistjonijiet ġodda u tpoġġi enfasi fuq dawk li jeżistu diġà.*

– Liema hija l-aħjar definizzjoni għall-koeżjoni territorjali?

– Liema elementi addizzjonali kieku toffri l-koeżjoni territorjali lill-mod kif l-Unjoni Ewroepa bħalissa timplimenta l-koeżjoni ekonomika u soċjali?

***2. L-iskala u l-ambitu tal-azzjoni territorjali***

*Il-koeżjoni territorjali tenfasizza l-ħtieġa għal approċċ integrat biex jiġu indirizzati l-problemi fuq skala ġeografika adatta, li tista' teħtieġ lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u anki nazzjonali li jikkooperaw.*

– Hemm rwol għall-UE fil-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali? Kif jista' jiġi ddefinit dan ir-rwol fl-isfond tal-prinċipju tas-sussidjarjetà?

– Kemm tista' tvarja l-iskala territorjali tal-intervenzjoni politika skont in-natura tal-problemi indirizzati?

– Żoni b'karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi jeħtieġu miżuri politiċi speċjali? Jekk iva, liema miżuri?

***3. Kooperazzjoni mtejba***

*Iktar kooperazzjoni li tifrex fuq il-fruntieri reġjonali u nazzjonali tqajjem kwistjonijiet ta' governanza.*

– Liema rwol għandu jkollha l-Kummissjoni fit-tħeġġiġ u l-appoġġ tal-kooperazzjoni territorjali?

– Hemm ħtieġa għal għamliet ġodda ta' kooperazzjoni territorjali?

– Hemm ħtieġa għall-iżvilupp ta' għodod leġiżlattivi u amministrattivi ġodda biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, inkluż fuq il-fruntieri esterni?

***4. Koordinazzjoni mtejba***

*It-titjib fil-koeżjoni territorjali jimplika koordinazzjoni aħjar bejn il-politiki settorjali u territorjali u iktar koerenza bejn l-intervenzjonijiet territorjali.*

– Kif tista' l-koordinazzjoni bejn il-politiki territorjali u settorjali titjieb?

– Liema politiki settorjali għandhom iqisu aktar l-impatt territorjali tagħhom fl-istadju tat-tfassil tagħhom? Liema għodod jistgħu jiġu żviluppati f'dan ir-rigward?

– Kif tista' tissaħħaħ il-koerenza tal-politiki territorjali?

– Il-politiki Komunitarji u dawk nazzjonali kif jistgħu jingħaqdu aħjar biex jikkontribwixxu għall-koeżjoni territorjali?

***5. Sħubiji territorjali ġodda***

*L-isforzi għall-koeżjoni territorjali jistgħu jkollhom ukoll implikazzjonijiet ta' parteċipazzjoni usa' fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki.*

– It-triq lejn il-koeżjoni territorjali tirrikjedi l-parteċipazzjoni ta' atturi ġodda fit-tfassil tal-politika, bħar-rappreżentanti tal-ekonomija soċjali, il-partijiet interessati lokali, l-organizzazzjonijiet volontarji u l-NGOs?

– Kif jista' jinkiseb il-livell mixtieq ta' parteċipazzjoni?

***6. Għarfien ikbar dwar il-koeżjoni territorjali***

– Liema indikaturi kwantitattivi/kwalitattivi għandhom jiġu żviluppati fil-livell tal-UE biex jimmonitorjaw il-karatteristiċi u t-tendenzi fil-koeżjoni territorjali?

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jikkummentaw dwar il-mistoqsijiet li qed tagħmel din il-Green Paper. It-tweġibiet u l-kummenti addizzjonali għandhom jintbagħtu sat-28 ta' Frar 2009 lil:

Il-Kummissjoni Ewropea
Il-Politika Reġjonali
Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali

CSM1 4/161

B-1049 Brussell

jew bil-posta elettronika lil:

REGIO-GreenPaper-Territorial@ec.europa.eu

Bil-qbil ta' min jibgħathom, il-kontribuzzjonijiet li jaslu elettronikament jitpoġġew fuq il-websajt tal-Green Paper, flimkien mad-dettalji ta' min bagħathom.